KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Vittoria*

**LAQGĦA ANNWALI ĠENERALI – 2012**

It-tmintax –il laqgħa annwali Ġenerali għas-sena 2012 inzammet fis-sala tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, nhar it-Tnejn, 6 ta' Frar 2012 fis-19.00.

Presenti:
Dr. Samuel Azzopardi Sindku, Marcell Tabone Viċi Sindku, u l-membri Joseph Debrincat, Michel Buttigieg, Josef Schembri u Carmel Theuma.

Talba:
Wara t-talba ġew l-approvati l-minuti tal-laqgħa tas-sena li għaddiet.

Rapport tas-Sindku:
Is-Sindku ressaq u qara rapport dettaljat ta' xogħlijiet li komplew u twettqu matul is-sena 2011. Dan hu anness f'dokument A.

Interventi mill-Pubbliku:

a. Siġar ta' Pjazza Indipendenza – Ġie suġġerit li dawn is-siġar jiġu rikolati band'oħra peress li qed joħolqu nkonvinjent kbir lill-pubbliku, lill-ambjent u anke' qed jikkawzaw il-mard. Mill-pubbliku kien hemm min mill-banda l-oħra, li ma jaqbel xejn li dawn jitneħħew mit-Tokk. Is-Sindku għarraf lill-prezenti li billi dawn is-siġar qed jikkawzaw ħsara kbira fis-sotterran ta' din il-Pjazza, l-Kunsill qabel li jissottometti applikazzjoni mal-MEPA sabiex jiġu rilokati u minflok isiru siġar, oħra ndiġeni li ma jikawzawx l-izvantaġġi li qed jikkawzaw dawn tal-prezent. L-għan prinċipali li għalih saret din l-applikazzjoni hi li hu dokumentat mill-Arkologu David Trump, li f'din il-parti miftuħa wieħed jista' jikxef *remains* arkeoloġiċi.

b. Siġar fi Triq Salvu Psaila – Tressaq ukoll ilment li s-siġar li jinsabu f'din it-triq iwaqqgħu ħafna ġandar. Is-suġġeriment hu li jitħawlu oħrajn taċ-ċitru jew xi razza oħra indiġena.

c. Traffiku u Parkeġġi – i) Ġie suġġerit li jitneħħa l-parkeġġ minn Triq M'Angelo Refalo peress li fiha bosta ħwienet tat-turisti.
ii) Sar ilment li minn Triq Santa Marija jgħaddu diversi trukkijiet. Din it-triq hi magħluqa għat-traffiku kollu ħlief għar-residenti.
iii) Ġie suġġerit li jinzebgħu l-*parking bays* fl-ewwel parti, n-naħħa t'isfel ta' Triq Santa Marija.

d. Area Wied il-Lunzjata – i) Inġibdet l-attenzjoni fi fil-Wied tal-Lunzjata qed ikun hemm rieħa kbira ta' drenaġġ. Is-Sindku għarref lill-pubbliku li din il-materja ġiet diskussa fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill u sar qbil unanimu li jsir protest ġudizjarju fuq il-kas, kontra l-entitajiet kollha konċernati.
ii) Suġġeriment ieħor kien li taħt l-arkata qabel tidħol fil-Wied hemm ħafna dlam.

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat VCT 1020 Għawdex, Malta**
**Tel. No. +356 21563344 Fax No. +356 21563355**
**E-mail :- rabat.gozo.lc@gov.mt Website:- www.victoria.org.mt**
**Samuel Azzopardi – Sindku Marcell Tabone – Vici Sindku**
**Kunsilliera – Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttigieg, Josef Schembri, Carmel Theuma**

KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Vittoria*

iii) Hemm bzonn li ssir *Traffic mirror* fit-Telgħa ta' Majru. Din saret kemm il-darba minn naħħa tal-Kunsill, pero' kull darba kienet tinkiser b'vandalizmu.
iv) Gie rappurtat li fis-sajf f'ras il-bajjada jkun hemm ħafna ħmieġ speċjalment kartun u fliexken tat-*take aways*.

Wara din id-diskussjoni, s-Sindku għarraf lill-pubbliku li dawn is-suġġerimenti jiġu diskussi fl-laqgħa tal-Kunsill sabiex tittieħed azzjoni. Ħu rringrazzja lil kull min ħa nteress jattendi u jagħti l-opinjoni tiegħu waqt din l-laqgħa li ntemmet fid-21.00.

Dr Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Ezekuttiv

Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat VCT 1020 Għawdex, Malta
Tel. No. +356 21563344 Fax No. +356 21563355
E-mail :- rabat.gozo.lc@gov.mt Website:- www.victoria.org.mt
Samuel Azzopardi – Sindku Marcell Tabone – Vici Sindku
Kunsilliera – Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttigieg, Josef Schembri, Carmel Theuma